# TRIBUNAL INDUSTRJALI
# DEĊIŻJONI NUMRU 2728

Chairperson: Avv. Charmaine Cristiano Grech LL.D.

**Kaz Numru 3476/CCG**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Mario Griscti**

**U**

**Executive Security Services Ltd.**

**dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju**

**Nhar l-Erbgha 5 ta' Mejju, 2021**

**Preliminari**

Ir-rikorrent ippreżenta dikjarazzjoni li fiha spjega li kien ilu jaħdem mal-kumpannija mis-16 t'April 2015 wara li kien hemm trasferiment tan-negozju minn mal-kumpannija li kien jaħdem magħha qabel. Huwa kien jaħdem bħala security guard fuq bażi part time. Huwa kien stazzjonat fit-tempju ta' Ħaġar Qim fejn dejjem kien stazzjonat. Minkejja li għadu impjegat mal-kumpannija, l-aħħar ġurnata tax-xogħol kienet l-10 t'April 2016. Dakinhar il-ħaddiema kollha rċivew ir-roster permezz ta' SMS pero huwa ma rċiviehiex, għalhekk ċempel lil Georgina, r-roster officer. Georgina infurmatu illi kellha ordni mingħand il-Heritage Malta, speċifikament mingħand Ivan Barbara s-Security Manager sabiex huwa ma jingħatax aktar xogħol. Meta kkuntattja lil ta' fuqu sabiex jara għalfejn ġara dan, huwa qallu li kien hemm xi rapport fuqu. Sal-ġurnata tal-lum huwa qatt ma ġie ppruvat u ssostanzjat u min iħaddmu qagħad biss fuq allegazzjonijiet. Huwa qatt ma deher quddiem bord ta' dixxiplina u għalhekk ġie mċaħħad minn drittijiet tal-ħaddiem u tal-bniedem sabiex ikun hemm smiegħ xieraq. Għaldaqstant talab lit-Tribunal jogħġbu:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi li s-soċjeta hija responsabbli għal trattament diskriminatorju u jiġu ppreżentati l-provi fuq l-allegazzjonijiet li saru fuqu u minħabba fihom ġie mċaħħad li jkompli jaħdem;
2. Jillikwida somma ta' kumpens għal trattament diskriminatorju;
3. Jordna lis-soċjeta tħallas s-somma hekk likwidata;
4. Jiġi re-instated fuq il-post tax-xogħol li kien fih qabel.

F'dikjarazzjoni oħra li ppreżenta r-rikorrent huwa spjega li kien qed jingħata xogħol biss fit-tempji ta' Ħaġar Qim u mhux fil-Visitors' Center. Għal ħabta ta' Settembru/Ottubru 2015 mal-kumpannija ġiet impjegata security guard mara u bħal kulħadd ingħatat taħriġ. Wara xi tmien

ġimgħat li bdiet taħdem hemm bdiet tagħżel il-postijiet fejn riedet taħdem, filwaqt li meta huwa kien mar ikellem lil Stephen Ciangura u staqsieh għalfejn ma kienx iħaddmu fil-guard room tal-Visitors' Centre dan beda jgħajjat u qallu 'mela kulħadd irid jagħżel fejn jaħdem'. F'Jannar 2016 huwa kiteb lil Georgina li kienet responsabbli mir-roster u talabha raġuni għalfejn ma kinitx ittih roster fil-Visitors' Center. Hija qaltlu li ma kinitx taf li kien jaħdem fil-guard room. Fir-rosters ta' wara assenjatu xi ġranet fil-Visitors' Guard Room. Pero ma tantx dam jagħmel din ir-roster għaliex iż-żewġ security guards nisa qomsu u bdew jgħidu li mhux sewwa li huwa ħadilhom posthom. Fil-fatt ċemplu lil Georgina u hu ma għamilx ġurnata oħra hemm u r-rikorrent tenn li dan ma kien xejn għajr diskriminazzjoni u favoritizmu bejn gwardjan u ieħor. Ftit ġimgħat qabel ma twaqqaf mix-xogħol kien mar Stephen Ciangura Ħaġar Qim u qal li kien hemm żewġ min-nies tiegħu li kienu qed jagħmlulu l-ħsara, wieħed full timer u ieħor part timer. Il-part timer kien hu pero ma jafx għalfejn qal hekk għax ħsara qatt m'għamel. Ir-rikorrent reġa' ta spjega ta' x'kien ġara meta ma ingħatax roster ieħor. Is-Sur Ciangura stqarr mal-union tar-rikorrent (GWU) li ser jagħtih xogħol bl-istess kundizzjonijiet u paga pero dan ma kienx minnu. Ftit wara li twaqqaf hu, ġie impjegat it-tifel ta' dik il-mara security li kienet daħlet taħdem f'Settembru/Ottubru. Meta r-rikorrent qal lis-Sur Ciangura li ser ikellem lil executive ta' Ħaġar Qim dan qallu biex 'ma jkabbarx l-affarijiet'. Ir-rikorrent żied jgħid li Stephen Ciangura darba qallu li kulħadd kien jgħid bih u qażżeż lil kulħadd għaliex joqgħod iċempel lil Union u lid-DIER għad-drittijiet tiegħu u ta' sħabu. Kif qallu hekk, ir-rikorrent qallu 'ħsibtek ser tgħidli li niskarta minn fuq ix-xogħol bħal ma għamlu l-preferuti tiegħu u jurini l-provi kontrija' u għal dan ma rrispondiex. Ir-rikorrent ippreżenta il-job history tiegħu, korrispondenza mibgħuta lis-soċjeta u lill-Heritage Malta mingħand il-GWU, korrispondenza elettronika u kopja tal-payslips ta' 2015 u 2016 u rosters tar-rikorrent li juru fejn kien ikun stazzjonat.

Fid-dikjarazzjoni tagħha, s-soċjeta spjegat li fil-5 t'April 2016 ir-rikorrent kien qiegħed xogħol fit-tempji ta' Ħaġar Qim fejn inqala' inċident ma' żewġ persuni li kienu qegħdin iżuru t-tempji. Sussegwentement kien hemm investigazzjoni min-naħa ta' Heritage Malta fejn minħabba r-riżultanza tagħha is-soċjeta ġiet indirizzata sabiex ma terġax tħaddem lir-rikorrent fit-tempji ta' Ħaġar Qim. Sussegwentement, is-soċjeta offriet post alternattiv fejn ir-rikorrent seta' jitħaddem iżda r-rikorrent ilmenta fir-rigward tal-fatt li huwa ma setax jaħdem matul il-ġurnata iżda seta' jaħdem biss filgħaxijiet. Is-soċjeta ma kelliex opportunatijiet għal xogħol filgħaxijiet u konsegwentement ma setgħetx toffri xogħol lir-rikorrent kif xtaq hu. Is-soċjeta ppreżentat korrispondenza elettronika bejnha u bejn il-Heritage Malta fejn il-Heritage Malta ppreżentat rapport fejn ġie allegat li Mario Grixti *'may have been doing business behind our backs. Whilst we are still investigating from our side and there is also the possibility that we may call in the police to investigate this incident and possible any other that happened before, we kindly ask you to remove Mario Grixti from any Heritage Malta Detail with immediate effect.'* Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet is-soċjeta titlob lit-Tribunal sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**<u>Sinteżi tax-Xhieda</u>**

Ir-rikorrent spjega li kien ilu jaħdem mas-soċjeta mill-15 t'April 2015 pero beda bħala security mas-Signal 8 f'Marzu 2011. F'April 2015 kien hemm transfer of business u l-kuntratt ħadu l-Executive Security Services. Huwa kien stazzjonat f'Ħaġar Qim fejn kien hemm erba' posts u kienu jduru. Huwa kien jaħdem mis-sitta ta' filgħodu tas-sitta ta' filgħaxija u kien jaħdem hekk meta kien ikun off mix-xogħol l-ieħor li kellu. Ir-rikorrent reġa' spjega x'ġara f'April 2016 meta ma rċiviex aktar rosters. Ir-rikorrent reġa' spjega li huwa qatt ma ġiet offrut xogħol mingħand is-Sur Ciangura tal-Executive Security Services, ħlief darba fejn kien offrielu filgħaxijiet meta huwa ma kienx jaħdem filgħaxijiet. Ir-rikorrent spjega li imbagħad beda jitkellem mal-union sabiex l-allegazzjonijiet fuqu jiġu ppruvati. Ir-rikorrent qal li l-korrispondenza bejn il-Heritage Malta u l-Executive Security Services Ltd. sar biss jaf biha meta nfetħu l-proċeduri quddiem it-Tibunal. Il-kumpannija qatt ma kkonfrontatu bl-allegazzjonijiet kontrih. Dwar ir-rapport li sar fuqu r-rikorrent irrimarka li dan kull ma jsemmi 'two people', huwa kien ilu jaħdem bħala security erbgħin sena u meta huwa jagħmel rapport kien jieħu l-ismijiet tan-nies bl-ID car b'kollox mhux kemm tgħid 'two people'. Apparti minn hekk ir-rapport ma kienx iffirmat. Dak inhar tal-inċident huwa telaq mix-xogħol fil-ħamsa u ħamsa u fir-rapport ingħad li dawn it-turisti kienu hemm minn neqsin kwart sa neqsin ħamsa u huwa kien għadu xogħol u ħadd ma kkuntattjah. F'Novembru ta' qabel kienet ċemplet waħda mill-kumpannija u qaltlu li huwa jidher fuq il-kotba tagħhom pero ma jaħdimx magħhom iżda huwa qalilha intom ma ttunix xogħol u hija qaltlu sabiex imur l-ETC bir-riżenja u huwa rrifjuata li jagħmel dan. Mistoqsi mit-Tribunal jekk qattx bagħtu għalih il-pulizija fuq dan l-inċident ir-rikorrent wieġeb fin-negattiv. In kontro eżami mistoqsi jekk ħassx il-bżonn li jmur jagħmel rapport kontra s-Sur Barbara biex inaddaf ismu r-rikorrent qal li m'għamlux pero mar għand il-union sabiex jiggwidawh huma. Mistoqsi jekk ġiex offrut jaħdem il-parking ta' Lascaris ir-rikorrent qal li ħadd m'offrielu sabiex jaħdem hemm.

Ivan Barbara, Estate and Security Manager Heritage Malta xehed li kien ilu f'din il-pożizzjoni mill-2005. Fir-rwol tiegħu huwa kien inkarigat mis-siti kollha, inkluż Ħaġar Qim. Ir-roster kien jinħadem mill-Executive Security Services Ltd u mhux mill-Heritage Malta. Ir-roster kien jaraha executive ta' taħtu, William Powney. Ix-xhud spjega x'kien ġara dakinhar tal-5 t'April 2016 fejn kienu daħlu żewġ turisti il-Visitor Center ta' Ħaġar Qim u kienu ser jibdew iduru. Il-persuna tal-Front of House tagħhom kien waqqafhom u qalilhom li għandhom bżonn ticket u dawn qalulu li diġa għandhom ticket li inxtara mit-tempju. Fit-tempji ma hemmx points of sale u l-biljett jinxtraw mir-reception, iduru l-Visitor Center imbagħad jipproċedu lejn it-tempji. Ix-xhud ippreżenta kopja tar-rapport iffirmat minn dan il-Front of House, Nicolai Formosa u kopja ta' dan il-biljett. Ix-xhud ippreżenta ukoll l-email li huma bagħtu lill-Executive Security Services Ltd. fejn hemm kelma b'kelma r-rapport pero sabiex jissalvagwardjaw l-identita ta' min jagħmel ir-rapport huma jneħħu l-isem. Huma kellmu lil Anna Delmar pero lil Mario Griscti qatt ma kellmuh. Huma waslu għal konklużjoni li s-security officer li "biegħ" il-biljetti lit-turisti kien Mario Griscti għaliex huwa kien xogħol dak il-ħin. Ix-xhud qal li f'każijiet bħal dawn huwa jħalli f'idejn il-kuntrattur ħalli huwa jinvestiga għall-affari tiegħu u imbagħad jinfurmawh. Ix-xhud qal li min-naħa tagħhom kienu infurmaw verbalment lill-Executive Security Services Ltd li min-naħa tagħhom l-investigazzjoni ingħalqet u m'għandhomx fuqiex jipproċedu. Is-sistema tal-biljetti kif kienet kienet faċli li jsir abbuż u għalhekk minn dakinhar is-sistema ġiet upgraded. Mistoqsi "Mela wasalt għall-isem ta' Mario Griscti bis-suppożizzjonijiet, l-investigazzjoni ma komplietx u allura ma kinitx konkluża, l-

investigazzjoni dwar il-passat ikkonkludejtuha u għidtu li l-ebda SO ma jista' jkollu tort minħabba li s-sistema hi kif inhi. F'dak l-istadju bqajtu ssostnu intom li Mario Griscti għandu jiġi removed mill-Heritage Malta with immediate effect u jibqa' removed?" ix-xhud wieġed "Iva". Ix-xhud spjega li meta għamel ir-rapport lil Stephen Ciangura huwa kien talbu jispjegalu aktar fid-dettall u kien staqsieh x'ser jagħmel bih. Barbara kien qallu dak arah int, pero fir-rapport hemm persuna impjegata tiegħek imsemmija, ċertu waħda Delmar, u qallu ċċekja magħha, iżda min-naħa tiegħu bil-provi li għandu ma jridx lil Mario Griscti jaħdem aktar hemmhekk. Bħala Heritage Malta huma dejjem irriżeravaw id-dritt li jirrifjutaw security officers u ġab eżempju ta' meta jintbagħtu lil xi ħadd b'tattoo fuq għonqu. Issa f'dan il-każ, kemm meta kien inxtara l-biljett u kif ukoll meta seħħ il-każ mat-turisti Mario Griscti kien xogħol. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-punching in and out tas-security officers. Mill-investigazzjoni interna li kienu għamlu circumstantial evidence u l-implikazzjonijiet juru li l-probabbilta kien li kien Mario Griscti għaliex fil-mument ta' meta sar il-każ tal-biljett Mario Griscti kien l-unika security raġel għaliex il-partner tiegħu kienet mara. Is-Sur Ciangura qatt ma informa lix-xhud jekk huwa għamilx investigazzjoni jew le. Ix-xhud qal li kieku s-Sur Ciangura qallu isma aħna investigajna u żgur ma kienx Mario Griscti imma kien xi ħadd ieħor huma kienu joħduh lura lil Mario Griscti pero dan qatt ma seħħ. Mistoqsi jekk jafx min daħal minflok Mario Griscti x-xhud qal li ma jafx u ma jafx jekk daħalx jaħdem Ħaġar Qim it-tifel ta' Anna Delmar. Ivan Barbara bagħat lista ta' impjegati tal-kuntrattur punching in and out f'Ħaġar Qim u qal li ma kienx hemm persuna oħra bil-kunjom Delmar, pero meta persuna jkun 'reliever' dan ma jitniżżilx fil-logs ta' kuljum.

Georgina Lupu impjegata tal-Executive Security Services Ltd. xehdet li kienet ilha taħdem mal-kumpannija xi sentejn jew tlett snin tagħmel ir-rosters. Hija taf lir-rikorrenti għaliex kienet tagħtih ir-roster. Meta ġara l-inċident hija kienet qaltlu li ma tistax tagħtih aktar Ħaġar Qim u kienet offrietlu postijiet oħra u hu kien qalilha le pero hi ma offrietlux postijiet speċifiċi minħabba li kien qalilha li mhux interessat. Hija qalet "I can give other roster. He refused it....No he didn't ask nothing about the rate...." Din il-komunikazzjoni saret permezz ta' messaġġi.

Ir-rikorrent xehed fuq dokumenti ippreżentati mill-kumpannija u ċjoe ritratt ta' numru ta' messaġġi. Ix-xhud qal li dawk kienu l-aħħar tlett ġimgħat ta' xogħol li kien ingħata. Mistoqsi jekk huwiex minnu li ġie offrut xogħol fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Pixxina Nazzjonali u l-Ministeru t'Għawdex hekk kif iddikjarat il-kumpannija fin-nota tagħha, huwa qal li mhux minnu.

Is-soċjeta ippreżentat affidavit ta' Stephen Ciangura fejn qal li fit-13 ta' April 2016 irċivew email mingħand is-Sur Ivan Barbara fejn informah li allegatament kien sar xi abbuż mill-impjegat Mario Griscti u fejn allegatament fil-5 ta' April 2016 is-Sur Griscti kien qed ibiegħ xi biljetti skaduti u li kienu diġa mibjugħin. Min-naħa tiegħu huwa kien affaċċja lis-Sur Griscti u huwa ċaħad dawn l-allegazzjonijiet. Minkejja dan, il-Heritage Malta ma ridux ikomplu jieħdu passi kriminali kontra s-Sur Griscti pero ma riduhx jibgħat aktar lis-Sur Griscti. Huwa informa lis-Sur Griscti b'dan kollu u saqsieh jekk riedx jaħdem postijiet oħra bħala security filwaqt li jibqa' impjegat magħhom u li addirittura offrielu li jaħdem postijiet privati pero m'aċċettax minħabba r-rata. Huwa offrielu li jaħdem l-education matul il-ġurnata għaliex kellu bżonnu hemm u xorta m'aċċettax. Wara li l-kuntratt mal-education għalaqlu u ma ġeddewlux huwa ma kellux postijiet oħra fejn is-Sur Griscti jaħdem. In kontro eżami s-Sur Ciangura xehed li huwa shareholder tal-kumpannija imbagħad

għandu nies impjegati fosthom fl-HR hemm Georgina tiegħu ħsieb ir-rosters u Caroline Tabone tiegħu ħsieb l-HR. Mistoqsi min jieħu ħsieb id-dixxiplina huwa qal li jieħu ħsieb huwa u jmorru Melita Street għand id-DIER għaliex ma tistax taqbad u tkeċċi lil xi ħadd bħal qabel. Fil-każ tar-rikorrent ix-xhud qal li dan kien każ differenti għaliex mhux huma qabduh u tawh warning. F'dan il-każ kienet Heritage Malta li ma riditux. Mistoqsi jekk għamilx proċess ta' dixxiplina s-Sur Ciangura baqa' jinsisti li ma setax. Mistoqsi jekk lil Anna Delmar kellimiex huwa kkonferma li kellimha u hija qaltlu jien mhux dejjem inkun isfel allura ma setgħetx tikkonferma li kien Mario Griscti. Ikkonfrontat bix-xhieda ta' Ivan Barbara ix-xhud baqa' jinsisti li hu ma seta' jagħmel xejn sabiex Mario Griscti jkun jista' jaħdem fis-siti tal-Heritage Malta. Huwa baqa' jsostni li bħala kuntrattur ma seta' jagħmel xejn aktar milli għamel u li offra xogħol l-education lir-rikorrenti liema xogħol irrifjuta. Din l-offerta saret permezz ta' telefonata.

Ir-rikorrent ippreżenta ukoll kopja tal-payslips tiegħu tal-2015 u l-2016. Huwa innega illi qatt ġie offrut xogħol alternattiv.

**<u>Sinteżi tat-trattazzjoni</u>**

Dr Spiteri Bailey għar-rikorrent fit-trattazzjoni tiegħu spjega li dan il-każ jirrigwardja persuna li kienet u għadha impjegata mas-soċjeta intimata bħala part time security guard. L-impjieg tiegħu imur lura għal Marzu 2011 pero kien hemm trasferiment ta' negozju fl-2015 u huwa ġie trasferit għal mas-soċjeta intimata. Ir-rikorrent dejjem kien stazzjonat u ħadem fis-sit amministrat minn Heritage Malta fis-sit ta' Ħaġar Qim. Fl-10 t'April 2016 li nzerta kien il-Ħadd u kull nhar ta' Ħadd kienet toħroġ ir-roster tas-security guards u irriżulta li huwa ma ingħatax roster għaliex is-soċjeta kellha talba mill-Heritage Malta sabiex huwa ma jirrappurtax hemmhekk. L-ewwel punt li jirriżulta minn din il-kawża hija li kien hemm alegazzjoni fil-konfront tar-rikorrent u huwa qatt ma ingħata l-opportunita li jiddefendi ruħu minnha jew b'xi mod jikkontestaha. Mario Griscti jiċħad kategorikament illi kellu xi involviment fl-allegazzjoni jew fl-allegat wrondoing li kien sar fuq il-kwistjoni tal-biljetti. Għalkemm is-soċjeta insistiet li offriet xogħol alternattiv lir-rikorrent, u fil-fatt kienet telgħet waħda barranija tixhed u ġiet esebita b'nota d-dokument li suppost kellu jipprova min-naħa tas-soċjeta illi effettivament kien offrut xogħol alternattiv, liema dokument huwa screenshot ta' messaġġi, l-unika ħaġa li dawn jgħidu hija "sorry Mario but I cannot give you any roster for the moment as from Heritage they stop you. As soon as things are settled I will put you back on the roster". Jiġifieri mhux talli dan id-dokument ma jippruvax illi offrewlu impjieg mod ieħor imma jipprova li l-kumpannija kienet qed tistenna informazzjoni 'and things are settled I will make you back on the roster'. Ġie ppreċiżat li saret offerta għal xi xogħol bil-lejl pero s-soċjeta kienet taf sew li r-rikorrent ma setax jaħdem bil-lejl. Saret referenza għad-depożizzjoni ta' Ivan Barbara fejn intqal li huwa qatt ma kellem lil Mario Griscti u li l-unika ness li seta' kien hemm bejn il-biljetti u Mario Griscti kien il-ħin. "Jien daħalli rapport, bir-rapport illi kelli jien nfurmajt lill-kuntrattur u mbagħad kont qed nistenna li l-kuntrattur jagħmel l-indaġni tiegħu, jagmel l-investigazzjoni tiegħu, and he tells us, u mbagħad jinfurmana x'irriżultalu bl-indaġni. Għaliex qed nagħmel aċċenn għal dan? Għaliex interessanti illi Ivan Barbara jgħid u nerġa nikkwota kieku Steve – għas-Sur Ciangura – ġie u qalli isma definitely ma kienx Mario Griscti imma kien Ivan Barbara ehe kont nerġa' nieħdu lura pero dan qatt ma seħħ." Is-soċjeta qatt ma għamlet xejn sabiex Heritage Malta terġa' taċċetta lil Mario Griscti lura bil-konsegwenza li huwa baqa' bla

xogħol minkejja li għadu fuq il-kotba tal-kumpannija. Stephen Ciangura qagħad attent ħafna kif jirrispondi u ukoll qal li għalih ir-rikorrent m'għamel xejn ħażin għaliex qatt ma rrappurtawh in-nies tiegħu. Is-Sur Ciangura la għamel proċess ta' dixxiplina, la investigazzjoni, la kellem lir-rikorrent pero kellem lil Anna Delmar li skont hu ma ppuntatx subgħajha lejn ir-rikorrent. Is-Sur Ciangura qal li tant kien konvint mill-innoċenza tar-rikorrent li riedu jaħdem band'oħra. Għal daqstant iqum il-pern legali tal-obbligi u d-dmirijiet li kuntratt tax-xogħol iġib miegħu. Kemm Selwyn kif ukoll Deacon and Morris jitkellmu dwar l-"implied term requiring employers to take care of their employees" f'kull kuntratt tax-xogħol. Is-Sur Ciangura għamel statement fis-sens li qal Heritage Malta huma klijenti tiegħu u mhu ħa jagħmel xejn biex jitlifihom. Wieħed jifhem li kumpannija kummerċjali għandha tinnegozja u tagħmel il-flus pero ma setax jinstab bilanċ bejn l-interessi kummerċjali u d-dritt tal-ħaddiem u jiġi investigat allegazzjonijiet fuqu? U għalhekk għandu jiġi kkumpensat ir-rikorrent għaliex dan il-bilanċ ma ntlaħaqx.

Dr. Mario Mifsud għas-soċjeta qal li minn dak li qal l-avukat tar-rikorrent qisu Heritage Malta m'għamlu xejn, m'għamlu l-ebda ilment fuq Mario Griscti imma kull ma qalu li huwa ħalliel, qalu li ma jriduhx aktar jaħdem hemm. Heritage Malta m'għamlu xejn, qalu li ser idaħħlu l-Pulizija imbagħad ma għamlu xejn u fil-fatt tefgħuha fuq il-kumpannija. Din mhux xi ħaġa li ma saret qatt qabel. L-alternattiva li kellha s-soċjeta kienet li toffri impjieg xi mkien ieħor bl-istess rata li kellu mal-Heritage Malta. Fil-fatt offrew impjieg lir-rikorrenti li kien bil-lejl iżda hu rrifjutah. Is-soċjeta qalet li offriet impjieg l-Education imma r-rikorrent baqa' jinsisti li dan mhux minnu. Is-soċjeta toffri servizzi f'postijiet oħra pero l-problema hija li r-rati li kienu jħallsu kienu differenti minn tal-Gvern. Dr. Mifsud insista li s-soċjeta ma setgħetx tagħmel investigazzjoni għaliex hija mhux il-pulizija u lanqas kien hemm għalfejn isir bord tad-dixxiplina.

## <u>Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

Il-każ in kwistjoni jirrigwardja impjegat fuq bażi part-time li fuqu saru allegazzjonijet ta' użu ħażin ta' biljetti u li min iħaddmu intalab sabiex ma jibgħatux aktar fuq is-sit fejn dan l-impjegat kien jaħdem, fit-tempji ta' Ħaġar Qim. Is-soċjeta intimata imxiet ma' dawn l-istruzzjonijiet u hekk għamlet. U għamlet hekk u xejn aktar. La investigat l-allegazzjonijiet fir-rapport li sar mill-Heritage Malta, la għamlet proċess ta' dixxiplina, m'għamlet xejn. Tant m'għamlet xejn li dan l-impjegat għadu fuq il-kotba tas-soċjeta.

L-ewwel punt li ser jitratta t-Tribunal huwa n-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tas-soċjeta. Is-soċjeta ippruvat targumenta illi hija ma setgħet tagħmel xejn għaliex kienet il-Heritage Malta li tatha istruzzjonijiet sabiex ma tibgħatx aktar lil Mario Griscti fis-siti tagħha. Pero hawnhekk it-Tribunal jirreferi għax-xhieda ta' Ivan Barbara fejn kien stqarr li li kieku s-soċjeta kienet qaltlu illi ma kienx Mario Griscti imma kien Ivan Barbara (bħala eżempju), il-Heritage Malta kienet taċċetta lil Griscti fuq is-siti tagħha. Dan it-Tribunal ma jistax jgħid b'ċertezza x'kien ikun l-esitu ta' proċess dixxiplinarju pero qatt ma jista' jaċċetta li impjegat ma jingħatax l-opportunita li jiddefendi ruħu minn allegazzjonijiet u akkużi fil-konfront tiegħu! Huwa xokkanti li r-rikorrent isir jaf l-akkużi fil-konfront tiegħu x'kienu meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni. Fil-kamp industrijali dan id-dritt tal-impjegat huwa prinċipju sakrosant u l-ebda Tribunal mhu ser jaċċetta l-argumenti miġjuba mis-soċjeta. Hija s-soċjeta li timpjega, u għaldaqstant hija s-soċjeta li għandha obbligi lejn il-

ħaddiema tagħha u iva hija s-soċjeta li kienet obbligata tagħmel proċess dixxiplinarju sabiex jiġi vverifikat dak li ġie allegat dwar impjegat tagħha. Hekk kif jgħid Selwyn, impjegat għandu dejjem jingħata l-opportunita sabiex jiddefendi ruħi, jispjega l-verżjoni tiegħu, jgħid li mhux ħati jew inkella jagħti difiża għal dak li jiġi akkużat bih. Fil-każ Romualdo Farrugia vs Fondazzjoni tal-Kon-Katridral ta' San Gwann[1] it-Tribunal qal li dawn l-elementi "fejn ghandu jinghata l-opportunita li jiddefendi ruħu" kienu neqsin, kif ukoll "l-Appellant seta' jiġi penalizzat stante li jkun hemm osservanza tal-prinċipju 'audi alteram partem' fejn huwa jingħata l-opportunita li jiddefendi ruħu". It-Tribunal jirreferi ukoll għall-każ John Katakis vs Maltco Lotteries Ltd[2] fejn it-Tribunal qal li "l-appellant qatt ma ngħatatlu l-opportunita ta' smiegħ formali" u "li fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg ma ngħatax ir-raġuni għat-tkeccija u l-appellant qatt ma ngħataltlu l-opportunita ta' smiegħ formali fejn ikun jista' jisma' u jiffaċċja lil min qed jakkużah u jkun mgħarraf bir-raġuni tat-tmien tal-impjieg tiegħu", l-istess fil-każ John Fauzza vs Dr Carmelo Mifsud Bonnici obo Castile Hotel[3] "qatt ma tani ċans inkellmu". L-Imħallef Sciberras f'din is-sentenza qal li "Hemm imbaghad l-aspett l-iehor ossija l-lanjanza ta' l-attur illi l-konvenut nomine "qatt ma tani ċans inkellmu". Dan fis-sens li hu ried jispjegalu l-pożizzjoni u l-kondotta tieghu; Fuq dawn iż-żewg aspetti jgħodd l-insenjament fis-sentenza tal-Qorti Ingliża citata mill-perit legali fejn ingħad illi min iħaddem "can properly only dismiss an employee after due warnings and after giving the employee a chance to explain his conduct" ("Pringle –vs- Lucas Industrial Equipment Ltd" – 1975, I. R. L. R. 266)"

Fil-każ John Bundy vs Public Broadcasting Services Ltd [4] it-Tribunal qal "Fil-fatt id-decizjoni lil jiġi tterminat r-rikorrent kienet diġa ttieħdet minn qabel ma beda l-proċess ta' investigazzjoni illi l-bord stress ikkonferma li qagħad fuqu biex iddeċieda li jitterminah. Jew se jiddeċiedi wara li tintemm l-investigazzjoni jew se tkun ġa ddeċieda. Barra dan is-socjeta' nnifisha qatt ma għajtet jew kellmet lir-rikorrent fuq dan il-każ meta ddeċiediet tindaga kif sar il-kuntratt tal-wasla tal-karozzi. Dan it-tribunal ma jistax jifhem kif jingħadda vot unanimu ta' sfiduċja fuq impjegat li l-proċeduri nvestigattivi li wasslu għad-deċiżjoni tat-terminazzjoni kienu għadhom se jinbdew." Fil-każ odjern hekk ġara, ittieħdet deċiżjoni min-naħa tas-soċjeta mingħajr qatt ma kellmet lir-rikorrent."

It-tieni punt li ser jitratta t-Tribunal huwa l-punt imqajjem fid-dikjarazzjoni tar-rikorrent u ċjoe fejn huwa qal li ġie ssuġġettat għal trattament diskriminatorju. It-Tribunal jagħmel referenza għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.79 Regolamenti dwar Impjegati Part Time fejn f'regolament 4 trattament inqas favorevoli mal-impjegati part time huwa projbit. F'dan il-każ il-prinċipal waqaf jagħti roster lir-rikorrent, xi ħaġa li setgħet issir biss għaliex huwa kien impjegat part time. Li kieku r-rikorrent kien jaħdem fuq bażi full time l-prinċipal ma jistax ħabta u sabta ma jdaħħlux aktar xogħol mingħajr ma jiġġustifika għalfejn qed isir dan u aktar u aktar iżommu fuq il-kotba tiegħu.

---

[1] Deċiżjoni numru 2711, 2021

[2] Deċiżjoni Numru 2654, 2020

[3] Ċitazzjoni Numru 1168/1977/1, 28 ta' April 2003, Onor Imħallef Philip Sciberras

**<u>Deċiżjoni</u>**

It-Tribunal ġie mitlub

1. Jiddikjara u jiddeċiedi li s-soċjeta hija responsabbli għal trattament diskriminatorju u jiġu ppreżentati l-provi fuq l-allegazzjonijiet li saru fuqu u minħabba fihom ġie mċaħħad li jkompli jaħdem;
2. Jillikwida somma ta' kumpens għal trattament diskriminatorju;
3. Jordna lis-soċjeta tħallas s-somma hekk likwidata;
4. Jiġi re-instated fuq il-post tax-xogħol li kien fih qabel.

Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġew esposti f'dan il-proċess, it- Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li jilqa' it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent.

Għaldaqstant, it-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrent fis-somma ta' sitt elef ewro (€6,000), liema ammont irid jitħallas mill-kumpannija fi żmien sitt gimgħat mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**(iffirmata)**

Avv. Charmaine Cristiano Grech LL.D.
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju